**24 ta' Ottubru, 1958**
**Imħallfin:—**
**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Rikors ta' Onor. Joseph Ellul Mercer, M.L.A. ne. et.

*versus*

P.L. Albert Borg Olivier de Puget et.

**Protezzjoni tal-Antikitajiet — Preferenza — Nomina ta' Espert — Kompetenza — Appell — Art. 15 tal-Kap. 90**

*Il-Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Antikitajiet tagħti lill-Gvern id-dritt ta' preferenza biex jakkwista oġġett li jiġi trasferit, jekk hu jidhirlu li għandu jeżerċita dak id-dritt kontra l-akkwirent minħabba li l-oġġett trasferit ikollu mportanza antikwarja jew artistika; u jekk ikun hemm diverġenza ta' opinjoni bejn is-sid u l-Gvern dwar ix-xorta tal-ħaġa, jew bejn l-esportatur u l-Gvern dwar ix-xorta u/jew il-valur tal-ħaġa, is-sid jew l-esportatur minn naħa waħda, u l-Gvern minn naħa oħra, jista', biex jeliminaw din id-diverġenza ta' opinjoni, jinnominaw espert wieħed jew iżjed biex per mezz tagħhom jiġi stabbilit jekk l-oġġett fil-kwistjoni huwiex ta' natura tali li jkollu mportanza antikwarja jew artistika; u jekk ma jaqblux dwar in-nomina, allura din issir mill-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina.*

*Imma din in-nomina tmiss lill-Qorti tal-Appell meta bejn is-*

*sid u l-Gvern ma jkunx hemm diġà kawża pendenti dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ta' ozzjoni, u mhux ukoll meta hemm pendenti kawża simili. F'dan il-każ tkun kompetenti tagħmel din in-nomina, mhux il-Qorti tal-Appell, imma l-Qorti li quddiemha tkun l-kawża; liema Qorti, meta tiġi biex issir l-għażla tal-espert, għandha tinnominah hi u mhux tirrimetti dik in-nomina lill-Qorti tal-Appell.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors tal-imsemmijin Onorevoli Dominic Mintoff, B.Sc., B.E. & A., M.A. (Oxon), A. & C.E., fil-kwalità tiegħu ta' Prim Ministru u in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, u tal-Onorevoli Agatha Barbara, M.L.A., fil-kwalità tagħha ta' Ministru tal-Edukazzjoni, li esponew:—

Illi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina hemm pendenti l-kawża fl-ismijiet fuq indikati, u differita għas-smiegħ għas-26 ta' Marzu 1958; illi din il-kawża tirrigwarda d-dritt ta' preferenza eżerċitat mill-atturi nomine kontra l-konvenut P.L. Albert Borg Olivier de Puget fuq ix-xiri ta' erbgħa bozzetti ta' Palombi, preferenza eżerċitata in forza tal-Kap. 90 tal-Liġijiet ta' Malta, Att dwar il-Protezzjoni tal-Antikitajiet; illi l-konvenuti eċċepew, fost ħwejjeġ oħra, illi l-bozzetti in kwistjoni ma humiex ta' importanza antikwarja u artistika; illi b'digriet tat-18 ta' Marzu 1958 l-imsemmija Onorabbli Qorti rrimettiet in-nomina ta' espert, biex jiddeċidi jekk il-bozzetti fuq indikati humiex ta' importanza artistika jew antikwarja, lil din l-Onorabbli Qorti, u dan peress illi l-partijiet ma setgħux jaqblu fuq in-nomina tal-istess espert; kollox għat-termini tal-art. 15 tal-imsemmi Kap. 90 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għalhekk talbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tinnomina espert jew esperti biex per mezz tagħhom jiġi deċiż jekk l-erbgħa bozzetti tal-Palombi, oġġett tal-kawża fuq imsemmija, humiex jew le ta' natura artistika u/jew antikwarja; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat ir-risposta tal-intimati, li qalu li n-nomina ta' espert messha ġiet magħmula mill-Prim'Awla, fejn tinsab pendenti l-kawża, u għalhekk din il-Qorti mhix kompetenti li tieħu konjizzjoni tar-rikors tal-atturi nomine, billi d-dispożizzjoni tal-art. 15(1) tal-Kap. 90 tal-Liġijiet ta' Malta hija applikabbli biss meta l-partijiet ma jkunux qegħdin fil-kontenzjuż; u li għalhekk it-talba tal-atturi nomine għandha tiġi respinta; bl-ispejjeż;

Ikkunsidrat, wara li semgħet it-trattazzjoni tar-rikors;

Din il-Qorti hi tal-fehma li d-deduzzjoni kontenuta fir-risposta hi korretta. It-*termini* tal-art. 15(1) tal-Kap. 90 huma tali li għandhom jiġu nterpretati bħala li qegħdin jirriferixxu għall-każ meta bejn is-sid u l-Gvern ma jkunx hemm kawża pendenti dwar l-eżerċizzju tal-ozzjoni msemmija fl-art. 3. Il-lokuzzjoni kombinata tal-art. 3, 4 u 15 tillumeġġja l-veduta tal-Qorti illi l-liġi qegħdha tikkontempla sempliċement li jkun hemm diverġenza ta' opinjoni bejn is-sid u l-Gvern dwar ix-xorta tal-ħaġa, jew bejn l-esportatur u l-Gvern dwar ix-xorta u/jew il-valur tal-ħaġa; u f'każijiet simili, biex tiġi eliminata din id-diverġenza, is-sid jew l-esportatur, minn naħa waħda, u l-Gvern, minn naħa oħra, jistgħu jinnominaw espert wieħed jew iżjed; u fil-każ li ma jaqblux dwar in-nomina, allura din issir minn din il-Qorti. Imma hu ċar, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi, meta jkun hemm bejn il-privat u l-Gvern kawża pendenti, allura għandu jirriprendi l-imperu tiegħu l-prinċipju li n-nomina ssir skond il-proċedura normali, ċjoè mill-Qorti li quddiemha tkun pendenti l-kawża; f'dan il-każ mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina;

Għalhekk tiddeċidi billi, prevja r-revoka, tad-digriet tal-Ewwel Qorti tat-18 ta' Marzu 1958, kif impunjat bir-risposta fuq imsemmija, tiċħad it-talba kontenuta fir-rikors, u tirrinvija dawn l-attijiet sabiex in-nomina ssir mill-Qorti "a qua";

L-ispejjeż ta' dan l-inċident jitħallsu mill-Gvern rikorrent.